



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 202/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-124/21 P | International Skating Union vs Il-Kummissjoni

Ir-regoli tal-International Skating Union dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' kompetizzjonijiet tal-pattinaġġ veloċi fuq is-silġ jiksru d-dritt tal-Unjoni

Fil-fatt, dawn għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni għad-detriment, b'mod partikolari, tal-atleti, tal-konsumaturi u tat-telespettaturi

Wara l-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li r-regoli tal-International Skating Union (ISU), li jippermettulha tissuġġetta l-kompetizzjonijiet internazzjonali tal-pattinaġġ veloċi fuq is-silġ għall-approvazzjoni tagħha u li timponi sanzjonijiet severi fuq l-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet mhux awtorizzati, huma illegali peress li ma huma rregolati minn ebda garanzija li tiżgura n-natura trasparenti, oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom. Dawn jagħtu lill-ISU vantaġġ ċar fuq il-kompetituri tagħha u għandhom impatt negattiv kemm fuq l-atleti kif ukoll fuq il-konsumaturi u t-telespettaturi.

L-International Skating Union (ISU) hija l-unika assoċjazzjoni sportiva internazzjonali rrikonoxxuta mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (KOI) fil-qasam tal-pattinaġġ veloċi fuq is-silġ. Hija tirregola, tiġġestixxi u tippromwovi dan l-isport fuq skala dinjija. Hija teżerċita, b'mod parallel, attività ekonomika li tikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali u fl-isfruttament tad-drittijiet marbuta magħhom.

Skont ir-regoli tal-ISU, l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel tagħha. Barra minn hekk, l-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjoni mhux awtorizzata mill-ISU jistgħu jiġu esklużi minn kwalunkwe kompetizzjoni għal żmien determinat jew b'mod permanenti. Fl-aħħar nett, rifjut ta' awtorizzazzjoni u sanzjoni jistgħu jiġu kkontestati biss quddiem il-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport (QAS) stabbilit f'Lausanne (l-Isvizzera).

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea qieset li r-regoli dwar l-awtorizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet u l-parteċipazzjoni tal-atleti jiksru d-dritt tal-Unjoni ^{1 2}. Fil-fatt, dawn jippermettu lill-ISU tipprekludi l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet li jikkompetu ma' daww tagħha u tipprekludi lill-pattinaturi professjonali milli jipparteċipaw fihom. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, ir-regoli ta' arbitraġġ iċaħħdu lil dawn tal-aħħar minn aċċess effettiv għall-qorti.

Fl-2020, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet ³ ir-rikors ippreżentat mill-ISU kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli ta' awtorizzazzjoni u ta' parteċipazzjoni, u għalhekk ikkonfermat in-natura illegali tagħhom. Min-naħa l-oħra, hija qieset li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkritikat ir-regoli ta' arbitraġġ.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja** tiċhađ l-appell ippreżentat mill-ISU mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali u **tikkonferma** għalhekk, hija wkoll, **l-illegalità tar-regoli tal-ISU**. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, b'differenza mill-Qorti Ġenerali, li l-Kummissjoni kellha raġun tikkritika r-regoli ta' arbitraġġ.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi tikkostitwixxi, evidentement, attività ekonomika. Din l-attività għandha għalhekk tosserva r-regoli tal-kompetizzjoni, anki jekk l-eżerċizzju ekonomiku tal-isport huwa kkaratterizzat minn ċerti karatteristiċi speċifiċi, bħall-eżistenza ta' assoċjazzjonijiet li

għandhom setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li assoċjazzjoni sportiva bħall-ISU tista' tadotta u tiżgura li jiġu osservati, permezz ta' sanzjonijiet, regoli dwar l-organizzazzjoni u l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet. Madankollu, **dawn ir-regoli għandhom ikunu s-suġġett ta' regolamentazzjoni xierqa sabiex tiġi żgurata n-natura trasparenti, oġġettiva, nondiskriminatorja u proporzjonata tagħhom.**

Fil-fatt, fl-assenza ta' tali regolamentazzjoni, dawn ir-regoli huma ta' natura li jippermettu li tiġi eskluża mis-suq kull imġieba kompetitriċi u li tillimita l-implimentazzjoni ta' kompetizzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, dawn huma ta' natura li jipprekludu lill-atleti milli jipparteċipaw f'dawn il-kompetizzjonijiet. Fl-aħħar nett, dawn huma ta' natura li jċaħħdu lill-ispettaturi u lit-tele spettaturi minn kull possibbiltà li jattendu tali kompetizzjonijiet.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni [JP/17/5184](#).

² L-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara inkompatibbli mas-suq intern u jipprojbixxi kull ftehim bejn imġieba, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet ta' imġieba u l-prattiki miftiehma kollha li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.

³ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2020, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, [T-93/18](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 159/20](#)).